

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2191

tal-10 ta' Diċembru 2021

li jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-*Wolffia arrhiza* u/jew tal-*Wolffia globosa* bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li huwa biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni li jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni. Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz huwa ikel ġdid iddefinit fl-Artikolu 3(2)(c) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2468 ⁽²⁾ jistabbilixxi rekwiżiti amministrattivi u xjentifiċi dwar ikel tradizzjonali minn pajjiżi terzi.
- (3) Ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽³⁾ li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (4) Fis-7 ta' Settembru 2020, il-kumpanija GreenOnyx Ltd. ("l-applikant") ressqet notifika lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħha li tqiegħed fis-suq tal-Unjoni pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u tal-*Wolffia globosa* bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-applikant talab biex il-pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u tal-*Wolffia globosa* jintużaw bħala tali mill-popolazzjoni inġenerali.
- (5) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2468, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mill-applikant fir-rigward tar-rekwiżiti għall-validità tan-notifika. L-informazzjoni mitluba għet sottomessa fis-16 ta' Ottubru 2020.

⁽¹⁾ ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2468 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi rekwiżiti amministrattivi u xjentifiċi li jikkonċernaw ikel tradizzjonali minn pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 55).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

- (6) Id-*data* ppreżentata mill-applikant turi li pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u/jew tal-*Wolffia globosa* bħala tali għandhom storja ta' użu sikur bħala ikel fix-Xlokk tal-Asja, b'mod partikolari fil-Laos, fil-Myanmar u fit-Tajlandja.
- (7) Skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fl-20 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni bagħtet in-notifika valida lill-Istati Membri u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità").
- (8) L-ebda oġġezzjoni debitament motivata b'rabta mas-sikurezza għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni ta' pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u/jew tal-*Wolffia globosa* ma tressqet lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-Awtorità fil-perjodu ta' erba' xhur stabbilit fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (9) Fit-30 ta' Ġunju 2021, l-Awtorità ppubblikat ir-Rapport Tekniku dwar in-notifika ta' pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u tal-*Wolffia globosa* bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2015/2283⁽⁴⁾. L-Awtorità kkonkludiet li d-*data* disponibbli dwar il-kompożizzjoni u l-istorja tal-użu tal-pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u tal-*Wolffia globosa* u d-*data* pprovduta dwar l-ikel tradizzjonali kkultivat fil-kundizzjonijiet tal-biedja vertikali kif deskritt fin-notifika ma jqajmu l-ebda tħassib dwar is-sikurezza.
- (10) F'dak ir-rapport, l-Awtorità nnutat li s-sikurezza tal-pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u tal-*Wolffia globosa* hija influwenzata ħafna mill-kundizzjonijiet ambjentali tal-ilmijiet fejn jitkabbru dawn il-pjanti. Għalhekk, il-preżenza ta' metalli tqal u ta' mikroċistini f'dawn il-pjanti friski ma tistax tiġi eskluża. Barra minn hekk, ċerti livelli ta' xi mikroelementi li jinsabu fihom, bħar-ram, il-molibdenu, iż-żingu, il-boron u l-manganiż, li jistgħu jkunu kkawżati mill-użu ta' fertilizzanti fil-kultivazzjoni ta' pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u tal-*Wolffia globosa*, jistgħu jkunu ta' tħassib għas-sikurezza tas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk jixraq li jiġu stabbiliti livelli massimi ta' metalli tqal, mikroċistini, ram, molibdenu, żingu, boron u manganiż fl-ispeċifikazzjonijiet ta' dan l-ikel tradizzjonali fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.
- (11) Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tawtorizza t-tqegħid fis-suq fl-Unjoni ta' pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u/jew tal-*Wolffia globosa* bħala tali u li taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat skont dan.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-pjanti friski tal-*Wolffia arrhiza* u/jew tal-*Wolffia globosa*, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu inklużi bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.
2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁴⁾ EFSA Supporting Publications, <https://doi.org/10.2903/sp.efsa.2021.EN-6658>

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat):

"Ikel ġdid awtorizzat"	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn
Pjanti friski tal- <i>Wolffia arrhiza</i> u/jew tal- <i>Wolffia globosa</i> (Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz)	Kategorija tal-ikel speċifikat	Livelli massimi	Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun " <i>Wolffia arrhiza</i> u <i>Wolffia globosa</i> " jew " <i>Wolffia arrhiza</i> " jew " <i>Wolffia globosa</i> " skont il-pjanta użata."	
	Pjanti friski tal- <i>Wolffia arrhiza</i> u/jew tal- <i>Wolffia globosa</i> bħala tali			

(2) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet):

"Ikel Ġdid Awtorizzat"	Speċifikazzjonijiet
Pjanti friski tal- <i>Wolffia arrhiza</i> u/jew tal- <i>Wolffia globosa</i> (Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz)	Deskrizzjoni/Definizzjoni: L-ikel tradizzjonali jikkonsisti minn pjanti friski tal-<i>Wolffia arrhiza</i> (L.) Horkel ex Wimm. u/jew tal-<i>Wolffia globosa</i> (Roxb.) Hartog u Plas (familja: Araceae). Kriterji mikrobijoloġiċi: Total tal-għadd tal-kolonji: < 10³ CFU/g Total tal-għadd ta' ħmira u moffa: < 100 UJK/g Total tal-<i>Enterobacteriaceae</i>: < 100 UJK/g <i>Escherichia coli</i>: < 100 UJK/g <i>Salmonella</i>: Assenti f'25 g <i>Listeria monocytogenes</i>: Assenti f'25 g <i>Staphylococcus aureus</i>: Assenti f'10 g Metalli tqal: Ċomb: < 0,3 mg/kg Arseniku (inorganiku): < 0,10 mg/kg Kadmju: < 0,2 mg/kg Kromju: < 1 mg/kg Merkurju: < 0,10 mg/kg Mikroelementi: Ram: < 0,8 mg/kg Molibdenu < 0,3 mg/kg

	Żingu: < 5 mg/kg Boron: < 5 mg/kg Manganiż: < 6 mg/kg Ċjanotossini: Mikroċistini: 0,006 µg/g Pestiċidi: Il-livelli tal-pestiċidi f'konformità man-numru tal-Kodiċi 0254000 ("Is-sottogrupp (d) krexxuni" fil-grupp tal-Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu) stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 ⁽¹⁾.
⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1)." ^(*) UJK: Unitajiet li jiffurmaw il-Kolonji.	